**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 19 ta' Novembru, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Frankie Falzon**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Frankie Falzon detentur tal-karta tal-identita bin-numru 138078M akkuzat talli bejn it-18 ta' Frar 2018 u id-29 ta' Mejju 2018, f'dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. L-imgieba tieghu ammontat ghal-segwiment ta’ persuna bil-mohbi u kkaguna lill-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M il-biza li f’ ghallinqas zewg okkazzjonijiet kienet ser tintuza vjolenza fuqha, kif ukoll ikkaguna fuq l-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M allarm jew dwejjaq li kellu effett avers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta’ kuljum ta’ Chantelle Attard.
2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi hebb ghal eks-siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M u ghal Warren Bonello ID:57389M u kkagunalhom offiza ta’ natura hafifa.
3. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ikkaguna lil-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M, Leonora Attard ID:104692M, Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M il-biza’ li ser tintuza vjolenza kontrijhom jew kontra l-propjeta’ taghhom jew kontra l-persuni jew il-propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta’ Kap 9.
4. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b’mod iehor lil-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M, Leonora Attard ID:104692M, Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M.
5. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi gab ruhu b’ mod li ta fastidju lil-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M, Leonora Attard ID:104692M, Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M.

6. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi kien jaf jew missu kien jaf li kien ta' fastidju ghal eks-siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M Leonora Attard ID:104692M Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M.
7. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jkisser jew li jhassar il-gieh ta' l-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M, Leonora Attard ID:104692M, Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M, weggahhom bi kliem, gesti, kitba jew b'disinji jew b'xi mod iehor.
8. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat kontra l-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M, Leonora Attard ID:104692M, Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M, jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.
9. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, jew bil-qerq hollow tracci ta' reat b' mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar,
10. Aktar talli fl-istess perjodu lok u cirkostanzi kiser ordni ta' probation mahrug mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D fit-18 ta' Frar 2018.
11. Aktar talli fl-istess cirkostanzi kkommetta reat waqt iz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza inghatat lilu mill Qorti tal-Magistrati Malta Dr. C. Stafrace Zammit LL.D li nghatat fit-18 ta' Frar 2018 u li hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

12. Aktar talli fl-istess cirkostanzi kiser ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta kif ordnat mil-Qorti tal-Magistrati Malta Dr. C. Stafrace Zammit LL.D fit-18 ta' Frar 2018.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll il-provedimenti ta l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta tan-nies hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghhom.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li jghogobha tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta' Mejju 2018 (esebit a fol. 16 tal-

process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. L-imputat gie arrestat fid-29 ta' Gunju 2018 wara li saru diversi rapport mill-ex partner tieghu Chantelle Attard u ohrajn dwar fastidju, insegwiment u theddid fost allegazzjonijiet ohra minkejja li kien hemm in vigore ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Chantelle Attard għal perjodu ta' tlett snin mit-18 ta' Frar 2018 (Dok. JB5 u 6 a fol 26 u 27 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tat-12 ta' Gunju 2018 Chantelle Attard xehdet (a fol 94 sa 110 tal-atti processwali) li wara li nghatat is-sentenza tat-18 ta' Frar 2018 hi u l-imputat iltaqgħu diversi drabi ghaliex kienet tibza li ser jaghmlilha xi haga. Meta temmet ir-relazzjoni taghhom, l-imputat beda jiffastidjaha b'telefonati kontinwi fuq il-mobile u fuq it-telefon tar-residenza tal-genituri taghha anke matul il-lejl u gieli anke mar quddiem id-dar taghha bil-vettura tieghu u joqghod ipaqpaq. F'dawn it-telefonati l-imputat kien ukoll jheddidha li kien ser isegwiha u jaghtiha daqqa ta' karozza. Tali theddid kienu frekwenti tant li kellha tigi skortata mill-Pulizija kemm mix-xoghol

taghha u minn postijiet ohra[1] aktar minn okkazzjoni wahda minhabba biza mill-imputat. Fis-17 ta' Mejju 2018 Chantelle Attard kienet tinsab hdejn il-partner taghha Warren Bonello li kien rikoverat l-Isptar. L-imputat cemplilha izda hija ma qabditux u hu mar isibha l-Isptar. Chantelle talbitu biex jitlaq izda l-imputat taha daqqa f'ghajnejha. Il-Pulizija u s-security tal-Isptar skortaw lill-imputat barra. Dwar dan l-incident saru zewg rapporti li jinsabu esebiti bhala Dok. IC1 (a fol 204 sa 210 tal-atti processwali) u Dok. LS1 (a fol 214 sa 218 tal-atti processwali) li saru minn Chantelle Attard u Christine Bonello u Marlene Bonello rispettivament. Jumejn wara, fid-19 ta' Mejju 2018 waqt li Chantelle kienet qed issuq il-vettura taghha fi Triq is-Sajf, l-imputat saq il-vettura tieghu head on fuq il-vettura taghha, hija ghamlet manuvra biex tevitah, laqtet il-bankina u ghamlet hsarat fil-mudguard tal-vettura li kienet qed issuq. Ghal dan l-incident kien hemm prezenti wkoll Warren Bonello (a fol 116 tal-atti processwali), Chantelle Bonello (a fol 139 sa 150 tal-atti processwali) u Maria Carmela Bonello. Wara l-incident l-imputat ghamel rapport (Dok TC2 a fol 190 sa 194 tal-atti processwali) fejn stqarr li kienet Chantelle Attard li dahlet bil-vettura taghha gol-vettura tieghu. Chantelle Attard irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat waqt l-udjenza tad-9 ta' Lulju 2019 (a fol 240 sa 241 tal-atti processwali).

Illi Gregory Attard xehed fl-udjenza tal-5 ta' Gunju 2018 (a fol 49 sa 52 tal-atti processwali) fejn qal li l-imputat apparti li kien icempel bla waqfien lill-ohtu Chantelle Attard u fuq it-telefon tar-residenza taghhom kien icempel lilu wkoll biex jheddu. Leonora Vella Attard (a fol 129 sa 132 tal-atti processwali) u Sylvana Attard (a fol 134 sa 138 tal-atti processwali) ikkonfermaw li l-imputat kien icempel fuq it-telefon tad-dar taghhom ta'

[1] Ara x-xhieda ta' PC 946 fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2018 (a fol 182 sa 183 tal-atti processwali)

spiss tant li kien ikollhom jaqalghu it-telephone minn mal-hajt. L-imputat kien ukoll imur wara l-bieb tad-dar taghhom, idoqq il-horn u jirrejzja l-karozza u anki jcempel il-qanpiena tad-dar.

Illi fl-udjenza tat-12 ta' Gunju 2018 Warren Bonello (a fol 112 sa 118 tal-atti processwali) xehed li l-imputat kien icempillu, jheddu u joffendih u gieli anke habbat mal-bieb tar-residenza fejn jghix flimkien mal-familja tieghu f' Hal Qormi. Huwa ghamel rapport dwar it-telefonati u t-theddid fis-7 ta' April 2018 (Dok. RG 1 a fol 174 sa 176 tal-atti processwali) u rapport iehor fil-21 ta' Frar 2018 (Dok TC1 a fol 188 sa 189 tal-atti processwali). Warren Bonello ikkonferma li fis-17 ta' Mejju 2018 waqt li kien rikoverat l-Isptar l-imputat aggredih b'cavetta.

Illi fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2018 Maria Carmela Bonello (a fol 143 sa 150 tal-atti processwali) xehdet li hija kienet ghamlet rapport flimkien ma' binha Warren Bonello fil-konfront tal-imputat dwar theddid. It-tieni rapport li ghamlet kien meta l-imputat beda jidhol wara l-bieb tal-aluminum tar-residenza taghha u jhabbat mat-tieni bieb. Dakinhar li l-imputat aggredixxa lil Warren Bonello u lil Chantelle Attard l-Isptar, wara li gie mkecci mill-Isptar, sabitu wara l-bieb tal-aluminium tad-dar taghha u ghamlet rapport iehor. Rapport iehor sar mix-xhud u minn Stephen Bonello fis-26 ta' Mejju 2018 (Dok. RG2 a fol 177 sa 181 tal-atti processwali) ghaliex l-imputat mar wara l-bieb taghhom b'hadida. Dan gie kkonfermat ukoll minn Stephen Bonello fl-udjenza tad-19 ta' Lulju 2018 (a fol 152 sa 155 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tal-5 ta' Gunju 2018 gie nominat l-espert Anthony Spiteri sabiex janalizza u jirrelata dwar li il-mobile Huawei IMEI number 863560033395335. Ir-rapport tieghu jinsab esebit bhala Dok AS 1 a fol 162 sa 169 tal-atti processwali fejn l-espert ikkonstata li bejn l-imputat u Chantelle Attard kien hemm diversi messaggi u telefonati.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri izda rrilaxxja zewg stqarrijiet fid-29 ta' Mejju 2018 (a fol 56 sa 93 tal-atti processwali) fejn stqarr wara li minkejja li kien hemm il-protection order baqa' f'kuntatt ma' Chantelle Attard ghaliex ghadhom ihobbu lil xulxin. L-imputat mar kemm-il darba fuq il-post tax-xoghol taghha u darbtejn minnhom keccewh u kien imur ukoll quddiem ir-residenza taghha. Spjega li l-ahhar darba li mar quddiem ir-residenza ta' Chantelle Attard kien inqas minn tlett ijiem qabel l-istqarrija u jmur hdejn id-dar taghha biex johorgu flimkien sahansitra kienu miftehmin jiltaqghu dakinhar stess ta l-istqarrija. Dwar l-incident awtomobilistiku stqarr li kienet biss kumbinazzjoni li hu u Chantelle Attard insertaw habtu go xulxin.  Jumejn qabel l-istqarrija mar jiccekkja jekk kinitx vera d-dar taghha. Meta jcemplilha gieli kien icempel bil-private number. Wara li hareg mill-Habs skopra li Chantelle bdiet tohrog ma' Warren Bonello u l-imputat kien ikun irid ikellmu biex jghidlu li Chantelle kienet qed tkun mieghu ukoll fl-istess hin. Dakinhar li aggredixxa lill-Chantelle l-Isptar stqarr li hu kien iddispjacut u ma kellux hsieb li jweggaha. Fl-istqarrijiet ammetta wkoll li lil Gregory Attard cempillu kemm il-darba u qallu li kien ser jifqghu izda dan kien biss bil-paroli.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn il-Qorti tirrileva li fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2019 Chantelle Attard irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat. Stante li Chantelle Attard mhijiex l-unika parti civili, l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet limitatament fejn jirrigwardaw lil Chantelle Attard u sa fejn dawn huma rinunzjabbli.

Ikkunsidrat:

**L-ewwel, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjoni**

Illi permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' theddid u fastidju. Fis-sentenza moghtija fil-kawza "Il-Pulizija vs Raymond Parnis" deciza fit-18 ta' Gunju 2009, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlet analizi approfondita tar-reati in ezami u qalet hekk:

> Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz "harassment") gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 215C u 215D tal-Kodici Kriminali.
>
> L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju talpersuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta'

fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': "alarming" jew idejjaq: "causing distress" lill-persuna. .....

U mbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet .... Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251(3)(a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna, ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' "resentful stalkers" li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma ... Kull

> tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. A. Caruana Carabez" [21.6.2007]; "Il-Pulizija vs. Fabio Psaila" [12.2.2009] u ohrajn)

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: 'Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini" [26.22009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

> "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose".

Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bilfors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena w tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" deciza fil-21 ta' Gunju 2007:-

> "…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."

Illi jirrizulta li l-imputazzjonijiet imsemmija huma *ex officio*. Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Stephen Muscat" deciza fil-5 ta' Mejju 1995 il-Qorti tal-Appell qalet:

> "Hi gurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Appell Kriminali li meta l-azzjoni titmexxa ex officio fit-termini tal-provisio tal-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali, il-mahfra tal-parti leza ma ghandha l-ebda effett fuq l-azzjoni, u tista' biss, f'kazijiet kongruwi, tinfluwixxi fuq il-piena."

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f' dan il-kaz, u senjatament mix-xhieda ta' Chantelle Attard jirrizulta li l-imputat kien qieghed jiffastidja lil Chantelle Attard b'segwiment persistenti tant li kellha tirrikorri f'aktar minn cirkostanza wahda ghand il-Pulizija sabiex tigi skortata. Tali assistenza ntalbet aktar minn darbtejn kemm mill-post tax-xoghol taghha u minn postijiet ohra stante l-biza li l-imputat ikun qed isegwiha kif ukoll ghaliex kien jghidilha li ser itiha daqqa ta' van, bhalma wara kollox spicca ghamel fid-19 ta' Mejju 2018. L-imputat stess fl-istqarrija ammetta li jghasses lil Chantelle Attard u kien imur barra l-post tax-xoghol taghha u anki quddiem ir-residenza taghha u dik ta' Warren Bonello. Jirrizulta li l-imgieba tal-imputat tikkwalifika bhala a course of conduct u dan fuq il-perjodu ta' bejn Frar 2018 u Mejju 2018. Apparti l-insegwiment, kien hemm ukoll telefonati kontinwi. Fil-fehma tal-Qorti tirrizulta r-rejita' ghall-imputazzjonijiet in dizamina, ghajr ghas-sitt wahda li l-Qorti ser tqis li nghatat alternattivament ghall-imputazzjoni numru hamsa.

**It-tieni imputazzjoni**

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, filwaqt li din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-imputat hebb ghal Chantelle Attard u ghal Warren Bonello, jidrilha li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova it-tip ta' griehi sofferti minnhom. Minkejja li gie esebit id-dokument WB1 a fol 120 tal-atti

processwali, ma ngabitx l-ahjar prova tieghu kif ukoll dan id-dokument ma jindikax in-natura tal-griehi sofferti. Ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**Ir-raba' imputazzjoni**

Illi permezz tar-raba' imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li nsulta lil Chantelle Attard, Silvana Attard, Carmelo Attard, Leonora Attard, Gregory Attard u Warren Bonello. Il-Qorti tinnota li t-telefonati li kien jaghmel l-imputat kienu jikkonsistu principalment f'theddid hekk kif jirrizulta mix-xhieda ta' Chantelle Attard (a fol 107 tal-atti processwali), Gregory Attard (a fol 50 tal-atti processwali) u Warren Attard (a fol 117 tal-atti processwali) izda tali theddid ma jirrizultax fir-rigward ta' Leonora Attard, Sylvana Attard u Carmelo Attard stante li Leonora Attard u Sylvana Attard kienu jaqtawlu t-telefon minnufih u Carmelo Attard naqas milli jaghti x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri.

**Is-seba' imputazzjoni**

Ir-reat kontemplat fis-seba' imputazzjoni gie abrogat bis-sahha tal-Att XI tal-2018 ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

**It-tminn imputazzjoni**

Illi permezz tat-tminn imputazzjoni l-imputat qed jigi addebitat bir-reat prospettat fl-artikolu 49 tal-Kap. 399. Din id-dispozizzjoni tipprovdi dwar uzu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid. Fil-kaz odjern gie ampjament ippruvat li l-imputat kien jaghmel diversi telefonati ta' theddid. Dawn saru fil-konfront ta' Chantelle Attard li kienet mhedda li l-imputat ser isegwi lilha u lil Warren Bonello, ifittixhom u jtihom daqqa ta' karozza. Theddid simili sar ukoll fil-konfront ta' Gregory Attard li kien jigi mhedded mill-imputat li ser isibu u jifqghu. Mill-provi prodotti theddid ma jirrizultax li sar fil-konfront ta' Leonora Vella Attard, Carmelo Attard u Sylvana Attard u lanqas jirrizulta li l-imputat ghamel uzu mhux xieraq ta' apparat elettroniku. Ghalhekk din il-Qorti qed issib lill-imputat hati taht l-Artikolu 49(a) izda mhux abbazi tal-Artikoli 49 (b) u (c) tal-Kap. 399.

**Id-disa imputazzjoni**

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 110(2) tal-Kap. 9 u cioe l-holqien ta' reat. Dan l-artikolu jipprovdi:-

> Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar,jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.

Dwar dan ir-reat ta' simulazzjoni ta' reat kontemplat fl-Artikolu 110(2) il-Professur Mamo jghid is-segwenti:-

> The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertaining imaginary fact. **This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person** and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged. The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. **Finally, the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation.**

Illi minn din l-espozizzjoni legali tar-reati kontemplati fl-Artikolu 110 (2) tal-Kodici Kriminali johrog car li l-fatti ta' dan il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat ta' simulazzjoni kontemplat fl-Artikolu 110(2) stante li l-imputat fir-rapport tieghu identifika lil Chantelle Attard bhala l-persuna li kienet qed issuq il-vettura li baqghet diehla fil-vettura tieghu. Jigi osservat ukoll li fl-istess rapport jinghad li ser jinhargu akkuzi fil-konfront ta' Chantelle Attard.

**L-ghaxar, il-hdax u t-tnax imputazzjoni**

Illi dwar l-ahhar tlett imputazzjonijiet, mill-provi prodotti jirrizulta li fit-18 ta' Frar 2018 inghatat sentenza fil-konfront tal-imputat fejn b'applikazzjoni tal-Artikoli 28G tal-Kap. 9 gie kkundannat ghal sena prigunerija sospiza

ghal tlett snin flimkien ma' ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Art. 412C tal-Kap. 9 ghall-perjodu ta' tlett snin. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li jirrizultaw ukoll dawn it-tlett imputazzjonijiet u li l-imputat kiser l-ordni ta' protezzjoni mposta fuqu hekk kif jidher ampjament mill-provi prodotti. Jirrizulta wkoll l-addebitu tar-recediva.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati kif ukoll il-fatt li huwa recidiv u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timpani piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 28A sa 28H, 31, 251BA (1) (a) (b) (i) (ii) (5), 251B (1), 339 (1) (e), 251A (1) (a) (4), 412C (11) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49 (a) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tat-tminn (8), tal-ghaxar (10), tal-hdax (11) u tat-tnax (12) -il imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) u tminn (8) xhur prigunerija filwaqt li tirrendi operattiv il-perjodu ta' sena (1) prigunerija li gew sospizi fis-sentenza tat-18 ta' Frar 2018 moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta sabiex b' hekk l-imputat ghandu jiskonta perjodu kumplessiv ta' tliet (3) snin u tminn (8) xhur prigunerija. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni ghar-ragunijiet indikati aktar il-fuq fil-korp ta' din is-sentenza. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) u tad-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' seba' mija tlieta u hamsin Ewro u erbghin Ewro centezmi (€753.40c[2]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuni protetti huma Warren Bonello, Silvana Attard, Carmelo Attard, Leonora Attard u Gregory Attard.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[2] Rapport ta' Anthony Spiteri €753.40c inserit a fol